# ID-DUDU U INT

Id-dudu li jimxi
jitkaxkar, jinbaram,
jitgħawweġ, jiltewa
fit-trab, qalb il-ġebel,
fuq tub, fuq ħaxix,
tmurx tfittex teqirdu,
li tgħaffġu ħa toqtlu
bla tieqaf biss tara
għalkemm ftit tal-ħsara
dan jagħmel biex igħix.
Fiċ-ċokon li tiegħu,
minn Alla ħanin,
hemm kollox fil-għamla
li għandek, biss żgħir.

W'ekk, tagħraf, bis-sabar
tistenna li jikber
sa żmienu ta' dudu
bil-għaqal itemm
kif tara jispiċċa
qoxortu ssir fosdqa,
ġo fiha jingħalaq
bla ikel għal żmien.

U b'qawwa mis-sema
li ħadd ma jfissirha,
jinbidel għal kollox
sa joħroġ farfett
bi ġwienaħ imlewna
bi trab is-saħħara
lill-ġisem jixxiebah
xejn aktar li kien.

Jittajjar, ifittex
lis-sieħba ħa jkattar,
isebbaħ, jiġġerra
fis-sema, fil-qiegħed,
u l-għada ħa jdakkar
fl-egħlieqi u fil-ġonna
ward iktar sabiħ.
U juri bis-saħħa
il-qawwa ħallieqa.

W int tifhem mhux waħdek
ġejt tgħix fil-ħolqien.
Tintebah bħad-dudu
qed tgħix, trid tinbidel
din ħajtek f'waħd' isbaħ
jekk bl-għaqal taf tgħix.

**J. Zammit Ciantar**

# RAĠUNI

Met' għandek ir-raġun
La titmasħanx ħabib
Għax fl-aħħar dak li jkun
Fis-sewwa l'int isib.

Bil-ħlewwa, bit-tmasħin
Biex forsi jirnexxilek
Tgħid tiegħek fil-ħażin
Tipprova qatt, jarrilek.

**Joe Zammit Ciantar**

## REĊENSJONI

**OLIVER FRIGGIERI, *L-Idea tal-Letteratura*, Pubblikazzjoni Bugelli, Malta, 1986**

Imħabba li d-domanda dejjem tikber fil-komunikazzjoni bil-Malti, tajjeb li jkollna studji xierqa fil-lingwa kontemporanja. Oliver Friggieri jagħmel dan min-naħa tal-kritiku letterarju. Fl-istess waqt jagħtina l-għodda għall-apprezzament letterarju utli għaliex il-kritiku, permezz ta' kitba bħal din ta' Friggieri, ikun armat b'setgħat oħra — distinti minn dawk konvenzjonali — ta' penetrazzjoni u teoriji ġodda kif ukoll b'vokabularju tekniku u aġġornat ma' ta' lingwi oħra.

Ftit huma l-letterarji li jażżardaw jissuġġerixxu li l-letteratura tista' tiġi studjata b'mod sodisfaċenti mingħajr attenzjoni xierqa għall-*medium* tagħha, il-lingwa. L-anqas ma jissugraw xi lingwisti jiġġustifikaw l-investigazzjoni tal-lingwa letterarja mingħajr it-tmexxija ta' dawk l-istudjużi tal-letteratura. Friggieri jikteb skond il-fehma li l-istudent tal-letteratura jeħtieġlu jkun imħarreġ fl-istudju kemm tal-lingwa u kemm tal-letteratura.

Il-konfront bejn studji lingwistiċi u letterarji wassal ftit ftit għall-istilistika li biha l-kritiku għandu jagħmel analisi sewwa qabel jasal għal xi ġudizzju letterarju jew valuri artistiċi. Ġol-mikrokożmu tal-qsim bejn ix-xjenza (lingwistika) u l-umanità (letteratura) tinsab is-superimpożizzjoni ta' l-istilistika. F'din is-superimpożizzjoni — fl-ispazju ta' bejn żewġ fergħat distinti imma relatati — tidher iż-żerriegħa tal-kobor tar-riċerka kreattiva u tat-tagħlim. Permezz tal-kollaborazzjoni tikber il-fergħa, u l-penetrazzjoni mentali u l-metodi tat-tiftix ikunu aktar speċjalizzati.

Dan il-ktieb, bit-taqsim tiegħu ta' letteratura, lingwa u kritika — bl-anqas enfasi fuq dik tat-tieni — se jkun ta' valur kbir mhux biss għall-istudent tal-letteratura imma anki għall-qarrejja l-kbar, bħall-kritiċi li jixtiequ jaraw 'il fejn sejra l-fergħa ta' l-istudju tagħhom. L-iskop tiegħu huwa li jipprovdi għajnuna għal studji kritiċi intelliġenti, u tassew igħin biex nagħmlu mistoqsijiet xierqa dwar kwalunkwe kompożizzjoni.

Jittratta r-relazzjoni tal-letteratura mal-ħajja u ma' l-arti, id-devjazzjoni fl-istil u l-konnessjoni tal-letteratura ma' l-oqsma soċjali, psikoloġiċi u morali. Id-definizzjonijiet fil-glossarju ta' termini letterarji huma kontribut kbir għall-kritiku għax, għalkemm qabel forsi kien jaf bihom f'lingwi oħrajn, issa daħlu fil-lsienna. Dan il-ktieb jista' jitqies, b'ċertezza (għax ġej mingħand Friggieri), bħala tentattiv serju għall-iżvilupp ta' l-istudju ta' l-istilistika fil-Malti.

**Charles Briffa**